# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 30 ta' Ġunju 2025**

**Numru 9**

**Rikors Numru 213/2022**

**Joseph Zammit Farrugia (KI 0573019M) u b'digriet tas-27 ta' Marzu 2023 Vivienne Mercieca K.I. Nru 645529M u Kathleen Mifsud K.I. Nru 551832M qed jassumu l-atti fil-kwalita tagħhom ta' eredi tal-mejjet Joseph Zammit Farrugia**
**vs**
**Direttur tal-Ufficju Kongunt**
**Awtorita tal-Artijiet**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Joseph Zammit Farrugia, illum mejjet (l-Attur) tal-11 ta' Marzu 2022 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

1. Illi r-rikorrenti Joseph Zammit Farrugia huwa ko-utlista, usufrutwarju u okkupant tal-fond 14 , 15 Triq Manwel Dimech, Sliema;

2. Illi din l-imsemmija propjeta gejja minn wirt tal-aventi titolu tal-esponenti, u torigina minn koncessjoni enfitewtika temporanea li giet koncessa mill-Kurja Arciveskovili ta' Malta ghal 99 sena permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Giuseppe Metropoli datat 18 ta' Jannar 1867 u sussegwentement estiz permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar

Giovanni Calleja Schembri datat 22 ta' Ottubru 1880 ghal perjodu ulterjuri ta' 50 sena, ghal perjodu enfitewtiku temporaneu totali ta' 149 sena;

3. Illi lura fl-2003, l-esponenti kien applika sabiex jifdi l-imsemmi cens temporaneu mall-Ufficju Kongunt u dan bis-sahha ta' skema volontarja li kien hareg il-Gvern ta' Malta dak iz-zmien;

4. Illi nonostante li l-applikazzjoni tieghu kienet giet sottomessa u accettata, tant illi kien hemm qbil fuq il-prezz tal-fidi, l-Ufficju Kongunt baqa qatt ma sejjah lill-esponenti sabiex jipprocedi bl-att finali ta' fidi;

5. Illi qua ko-utlisita kif ukoll okkupant tal-fond surriferit, l-esponenti minkejja tali skema ghandu xorta wahda dritt illi jikkonverti l-koncessjoni temporanea ghall-enfitewsi perpetwa u dan ai termini tal-Artikolu 12 tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi l-esponenti diga sejjah kemm lill-Awtorita tal-Artijiet kif ukoll lill-Ufficju Kongunt sabiex jersqu ghall-att pubbliku appozitu ta' fidi ta' cens u fin-nuqqas l-intimati gew mgharrfa illi l-esponenti kien ser jipprocedi sabiex jikkonverti t-titolu enfitewtiku tieghu ghal wiehed perpetwu;

7. Illi minkejja tali interpellazzjoni l-intimati jew min minnhom baqghu qatt ma ghamlu dak mitlub minnhom u ghaldaqstant kellha ssir l-odjerna kawza.

Ghaldaqstant u vista tas-suespost ir-rikorrenti jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti, salv dawk il-provvedimenti li jidrilha xierqa u opportuni jogghoba:
1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-attur qua okkupant tal-fond bin-numru 14, 15 Triq Manwel Dimech Sliema, ghandu dritt illi jikkonverti l-enfitewsi temporanea gravanti fuq l-istess fond ghal wahda perpetwa taht l-istess kundizzjonijiet tal-enfitewsi temporanea ghajr minn dawk li jirreferu ghaz-zmien u ghac-cens u taht dawk il-kundizzjonijet elenkati fis-subartikolu (4) u/jew (5) u/jew (6) tal-Artikolu 12 tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tiffissa jum, hin u lok filwaqt nnomina Nutar Pubbliku sabiex jippublika l-att relattiv ghall-konverzjoni tal-imsemmija enfitewsi temporanea ghal wahda perpetwa;
3. Tordna lill-intimati jew min minnhom sabiex jersqu fuq l-att relattiv filwaqt li tahtar kuraturi deputati ghall-eventwali kontumacja
Bl-ispejjez filwaqt li l-intimati qed jigu min issa ingunti in subizzjoni

Rat ir-risposta ġuramentata tad-Direttur tal-Uffiċju Konġunt u tal-Awtorita' tal-Artijiet (rispettivament Konvenut Uffiċju u Konvenuta Awtorita') tat-12 ta' Mejju 2022 li permezz tiegħu wieġbu u eċċipew is-segwenti:

1. Illi in linea preliminari, l-attur irid jidentifika min mill-esponenti huwa l-leġittimu kuntradittur stante illi kawża kontra t-tnejn hija legalment improponibbli. Għalhekk wieħed mill-esponenti għandu jinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra l-attur;

2. Illi preliminarjament, mingħajr preġudizzju għas-suespost, għandu jingħad li *l-file* dipartimentali oriġinali għal xi raġuni llum il ġurnata ma jistax jinstab. Għaldaqstant, il-proċess ta` applikar u konverzjoni kellu jerġa jinbeda mill-bidu;

3. Illi għalhekk in linea preliminari, għandu jingħad illi l-Awtorita` esponenti għadha fil-proċess illi tevalwa t-talba tal-atturi għaldaqstant. L-eċċezzjonijiet rispettivi qiegħdin jiġu espressament riservati;

4. Illi di piu, preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrent irid jipprova l-interess ġuridku tiegħu sabiex jippromwovi din il-kawża stante illi ma ġab ebda prova li turi li din il-konverzjoni għadnha ssir;

5. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma bbażati fuq artikli tal-liġi li ġew ripetutivament dikjarati mill-Qrati tagħna li huma lezivi tal-jedd fundamentali għall-proprjeta privati skont l-Ewwel Artikolu tal-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar il-Jeddijiet Fundamentali tal-Bniedem, għalhekk it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda in toto;

6. Illi mingħajr preġudizzju, minkejja li l-liġi tipprovdi l-possibilta` għal konverzjoni ta` enfitewsi temporanja f` enfitewsi perpetwa, l-konverzjoni ma hix awtomatika u l-ewwel għandhom jiġu sodisfatti l-kriterji kollha skont il-liġi. Huwa għalhekk li l-Awtorita` esponenti qabel ma tgħaddi għal deċiżjoni tagħmel eżerċizzju ta` valutazzjoni;

7. Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, ir-rikorrent naqa milli jipprova sodisfaċentement dak meħtieġ skont l-Artikolu 12 (4) tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta` Malta, ossija li l-proprjeta` hija okkupata minn persuna ta` ċittadinanza Maltija bħala r-residenza ordinarja tagħha;

8. Illi, mingħajr preġudizzju , l-Awtorita` esponenti ma oġġezzjonatx għat-talba tar-rikorrenti, madankollu teħtieġ illi jsiru l-verifiċi kollha neċessarji qabel tittieħed deċiżjoni finali u dan proprju għaliex il-proċess involute huwa wieħed estensiv;

9. Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, iċ,ċens temporanju illum -il ġurnata huwa skadut, proprju għaliex iċ-ċens in kwistjoni kien jiskadi fis-sena 2016;

10. Illi din il-kawża hija hemm frivola u vessatorja fil-konfront ta` l-Awtorita` eċċipjenti;

11. Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, it-talbiet tar-rikorrenti huma intempestivi u għandhom jiġu miċħuda in toto u l-Awtorita` esponenti m` għandhiex tiġi kkundannata tbati spejjeż għal din il-kawża, inkluż tagħha;

12. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

13. Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.

Rat li b'digriet tas-27 ta' Marzu 2023 assumew l-atti Kathleen Mifsud u Vivienne Mercieca stante d-deċess ta' l-Attur fil-mori tal-Kawża.

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża.

Qrat u semgħet ix-xhieda mressqa fil-perkors tas-smiegħ.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti tal fatti**

L-attur wiret il-fond 14,15, Triq Manwel Dimech, Sliema mingħand il-ġenituri tiegħu u ilu jirrisjedi fih sakemm miet 'l fuq minn sittin sena. Dan il-fond kien ingħata lill-awturi tiegħu b'ċens temporanju li skada fl-2016.

Fl-2003 l-Attur applika sabiex jifdi ċ-ċens temporanju ma' l-Uffiċju Konġunt u dan in virtu' ta' skema volontarja li kien ħareġ il-Gvern Malti dak iż-żmien. L-applikazzjoni tiegħu ġiet aċċettata mill-Awtorita' kompetenti sal-punt li anke kienet infurmat lill-Attur li ser tinkariga Nutar biex issir il-pubblikazzjoni tal-kuntratt (a' fol 178).

Minkejja li għaddew 19 -il sena minn meta għamel l-applikazzjoni l-kuntratt inkwistjoni ma ġiex ippubblikat stante li instab li kien hemm *overlap*. Nel frattemp, l-attur miet fil-mori tal-Kawża fl-eta' venerabbli ta' 103 snin. Tul dawn is-snin kollha l-Attur ħeġġeġ ħafna drabi lill-Awtoritajiet sabiex iffittxu jagħmlu dak li kellhom jagħmlu stante l-eta' avvanzata tiegħu.

B'dana kollu sakemm miet l-Attur, is-sitwazzjoni ftit li xejn iċċaqalqet tant li miet fil-mori tal-Kawża. Għalhekk kellha ssir din il-Kawża.

**Punti ta' Liġi**

L-azzjoni hija impernjata fuq artikoli 12(4) jew (5) jew (6) tal-Kap 158 tal-Liġijiet ta' Malta. Stante l-mewt ta' l-Attur fil-mori tal-Kawża ingħatat ukoll l-eċċezzjoni ulterjuri lil Vivienne Mercieca u Kathleen Mifsud li komplew il-Kawża qua eredi ta' l-Attur, ma jistgħux jirnexxu fit-talbiet għaliex huma ma jikwalifikawx taħt il-liġi biex tintlaqa' t-talba li kien għamel l-awtur tagħhom u ċioe Joseph Zammit Farrugia.

**Konsiderazzjonijiet**

Il-Qorti eżaminat l-Atti u waslet għall-konklużjoni li ż-żewġ Awtoritajiet għandhom iwieġbu għat-talbiet Attriċi, dan qiegħed jingħad fid-dawl tal-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti Awtoritajiet stante li l-kawża kontra t-tnejn hija impronibbli. Il-Qorti ma taqbel xejn ma' din l-eċċezzjoni għaliex mill-provi jirrisulta li t-tnejn li huma għandhom interess.

L-interess tal-konvenuta Awtorita' tal-Awtoritajiet jemerġi ċar mill-ittra datata 17 ta' Marzu 2023 Lorna Vassallo infurmat lil Filletti Advocates, presubilment l-Avukati tal-Lands bis-segwenti:

B'ittra datata 17 ta' Marzu 2023 Lorna Vassallo infurmat lil Filletti Advocates, presubilment l-Avukati tal-Lands is-segwenti:

"*Reference is made to uor telephone conversation regarding Farrugia Zammit Joseph vs Direttur tal-Ufficju Kongunt u Awtorita' tal-Artijiet. As confirmed by your good self, the case was filed due to lack of conversion from temporary to perpetual emphytuesis. Hence this is not an issue regarding registration. The property in question is already registered on the Government of Malta. <u>Conversion and redemption issues from temporary to perpetual are within the remit of the Land Authority"</u>* (a' fol 122 Emfażi tal-Qorti).

Fil-fehma tal-Qorti, l-interess legali ta' din l-Awtorita' ma jistax ikun aktar ċar minn hekk.

Kwantu għall-konvenut Uffiċju Konġunt, l-interess tiegħhu huwa manifest u *self evident* kif jemerġi mill-kwantita kbira ta' dokumenti u anke mix-xhieda ta' dawk li huma addetti ma' dan l-Uffiċju.

Għalhekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li ż-żewġ Awtoritajiet għandhom ikunu fil-ġudizzji kemm għall-integrita tiegħu u kif ukoll għall-effikaċja tas-Sentenza finali f'każ li jintlaqgħu t-talbiet Attriċi.

*<u>Il-mertu</u>*

Il-Qorti tibda biex tosserva, li hekk kif it-talba ta' l-Attur kienet milqugħa biex ikun jista' jipparteċipa fl-iskema, f'dak il-mument inħoloq vinkolu legali da parti tal-Awtoritajiet konvenuti.

**Trabucchi** jgħid:

"*L'accettazione e' una dichiarazione diretta al proponente; essa deve essere definitiva, incondizionata e pienamente conforme alla proposta; altrimenti vale come nuova proposta, e per la perfezione del contratto sara' richiesto che il successivo benestare dell'anteriore proponente sia, a sua volta, portato a conoscenza dell'accettante che ha fatto la modificazione. Tra proposta e accettazione – quando non siano prestate nello stesso contesto – deve esistere una correlazione finale, cioe' una direzione allo stesso fine."*

Filwaqt il-*Carbonnier* jgħid:

"*Il faut que le contenu de l'acceptation soit identique a' celui de l'offre",* kif ukoll *"Les deux volontes se rencontrent a' l'instant ou' l'acceptation se manifeste, car c'est elle qui est decisive et conclut le contrat."*

Issa minn eżami tal-provi jirriżulta li l-każ tal-lum l-Attur aċċetta l-proposta tal-Awtorita' u din da parti tagħha kkonfermat dan.

B'ittra oħra datata 15/2/05 infurmawh "*dwar qbil fuq l-ammont mitlub biex jinfeda c-cens"*. Charles Grasso għall-Uffiċju Konġunt jgħid li kienu sabu xi diskrepanzi ta' *overlap* ma' files oħra u propjeta' tal-Knisja u jridu "jissortjaw naqra" (a' fol 53 tergo). B'dan kollu univokament jgħid <u>li l-applikazzjoni ġiet approvata</u> (a' fol 53). B'ittra tat-23 ta' Diċembru 2009 il-

Ministeru tal-Finanzi nforma lill-Attur "*li dan l-Ufficju wasal fi stadju li jinkariga lil Nutar sabiex jippubblika l-kuntratt ta' bejgħ tal-propjeta' hawn fuq imsemmija mal-Gvern ta' Malta*" (a' fol 178).

Għal din il-Qorti inħolqot rabta legali li l-Awtorita' kompetenti tagħmel dak li kien qiegħed jitlobha l-Attur. Il-fatt li kien hemm bżonn li jkun kjarifkat *overlap* ma jfissirx li saret xi kontroproposta ġdida, iżda tfisser biss, li l-Awtorita' kellha obbligu li titrasferixxi pero' riedet li qabel xejn tistabilixxi l-konfini tal-fond.

Di fatti l-imsemmi Charles Grasso jgħid għall-Uffiċċju Konġunt li kien sab xi diskrepanzi ta' *overlap* ma' files oħra u propjeta' tal-Knisja u jridu "jissortjaw naqra" (a' fol 53 tergo). Minħabba f'hekk baqa' jinsisti li l-fidi ma setax isir għaliex "*irridu nissortjaw l-problema tal-overlap.*" B'dan kollu ma jfissirx li l-kunsens tal-partijiet ma kienx iltaqa' ai fini ta' ħolqien ta' vinkolu kuntrattwali. Iffisser biss li riedu jsiru ċerti aċċertamenti li tfisser ħaġa għal kollox differenti.

Is-sentenza tal-**Qorti ta' l-Appell, Sede Kummerċjali, tas-16 ta' Jannar, 1931 fl-ismijiet Emmanuele Grech -vs- Giuseppe Borg et nomine**, intqal illi *"è elementare in diritto che il rapporto giuridico nasce appena sorga il vincolo creatore della obbligazione; e lo stesso vincolo si considera affettuarsi quando vi è l'unione della proposta e della accettazione, perche in quel momento le due volonta` dell'offerente e dell'accettante si immedesimano in modo tale da creare il vincolo".*

Issokta jiġi affermat in tema fid-**Deċiżjoni tat-28 ta' Marzu, 2003 fl-**

**ismijiet Accountant General -vs- Carmelo Penza nomine", Prim' Awla, Qorti Ċivili,** illi, "*konsiderati flimkien – l-offerta u l-accettazzjoni – jikkostitwixxu n-negozju guridiku li hu l-bazi u sostrat tal ftehim. Jekk l-offerta tirrivesti l-karattru ta' negozju unilaterali, l-accettazzjoni tagħha timmanifesta l-volonta ta' l-accettant illi jgħaqqad dan il-karattru unilaterali ta' l offerent ma' dak unilaterali tiegħu, qua accettant, u b'hekk jikkonkludi l-ftehim*";

Fid-dawl ta' dan kollu, partikolarment in vista tal-prinċipju kardinali tal-essenzjalita' tal-bona fede fl-esekuzzjoni tal-kuntratti, skond ma jipprovdi l-Art. 993 tal-Kodiċi Ċivili, : "*Il-kuntratti għandhom jigu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom, izda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ggib magħha l-obbligazzjoni skond ix-xorta tagħha, bl-ekwita', bl-uzu jew bil-ligi*."

Għalhekk, kieku għadu ħaj l-Attur, din il-Qorti kienet ċertament tilqa' it-talbiet Attriċi tenut kont li jitnaqqas l-*overlap* indikata mill-konvenuti.

M'għandu jkun hemm ebda dubbju li d-dewmien sabiex it-talba ta' l-Attur tkun proċessata ma kien jaħti xejn għaliha l-Attur jew is-suċċessuri tiegħu. Robert Mifsud, neputi ta' l-Attur ukoll jikkonferma li l-Attur ilu snin twal joqgħod fil-fond. Mill-1 ta' Marzu 2017 ħaduh go *Home* għaliex illum ser jagħlaq 103 snin (a' fol 31). Fis-seduta tal-14 ta' Diċembru 2023 l-avukati ta' l-Attur informaw lill-Qorti li dan kien miet u għalhekk assumew l-atti Vivienne Mercieca u Kathleen Mifsud.

Jiġi rilevat li minn meta l-Attur kien għamel l-applikazzjoni fit-2003 sakemm miet, fl-2022 għaddew 19 -il sena, fi ftit kliem ħajja ta' bniedem. B'ittra tat-12 ta' Settembru 2012 l-Attur kiteb lill-Uffiċju Konġunt li "*The matter has been pending for 9 years since 2003. Your last communication having been 28 Sept 2010*", fakkarhom li huwa għandu 92 sena (a' fol 24). Maria Mercieca, neputija ta' l-Attur, għarfet l-ittra tal-10 ta' Awwissu 2004 fejn kienu għarrfu lill-Attur li l-bejgħ seta' jsir bil-prezz ta' £500 (a' fol 29). L-emfitewzi skadiet fl-2016. Fl-ittra lil Lands Authority tad-29 ta' Ottubru 2019, l-avukat ta' l-Attur fakkar li l-klijent tiegħu kien qabel mal-prezz propost fl-ittra tal-15 ta' Frar 2005 (a' fol 27). Tul dan il-proċess penus, laħaq skada ċ-ċens u kif ukoll miet l-Attur. Ittra lill-awtoritajiet ifakkru li l-Attur kellu eta' venerabbli jirrisultaw bosta, b'dan kollu, il-proċeduri tant kienu pedantiċi u logobriji, li Dr. Maronia Magri kitbet lil Fillietti l-ittra tad-9 ta Novembru 2022 tgħidlu "*... that Mr Zammit Farrugia is over 100 years old, they would like to consider the possibility of settling the matter out of court"* (a' fol 132).

Dr. Maxiline Bonnett, Senior Manager Recognitions and Redemptions, tgħid "*illi hija haga komuni li jkun hemm diversi talbiet l-back log illi affaccjat l-Awtorita. Specjalment meta saret distinzjoni bejn Joint Office u l-Awtorita'... haga komuni li jkun hemm diversi talbiet*" (a' fol 418). Pero' *sopra corna bastonate* b'ittra tat-28 ta' Ġunju 2010 Tonia Galea, Manager Reġistru tal-Artijiet, lill-Uffiċju Konġunt jindikalu li l-overlap hija "*murija bil-kulur ahmar fun il-pjanta annessa u qed tigi mnaqqsa minhabba overlap*

*mat-titolu 59000607*." (a' fol 170 sa 173). Dan kien ben 12 -il sena qabel ma miet l-Attur u xorta waħda l-proċess ħa dawn is-snin u li sal-lum għadu mhux finalizzat.

Fil-fehma tal-Qorti, ma għandhomx ikunu s-suċċessuri ta' l-Attur li jwieġbu għal dan in-nuqqas Istituzzjonali grottesk. Ma hux sewwa li issa tqanqlet l-eċċezzjoni għaliex il-kuntest ta' dan kollu jrid ikun eżaminat *ex tunc* u mhux *ex nunc*. Ġia la darba l-awtur tagħhom kien għamel applikazzjoni li ġiet aċċettata u d-dewmien kien dovut għal nuqqasijiet burokratiċi ma għandhomx issa jsofru l-konsegwenzi.

Li kieku sar il-kuntratt fi żmien raġjonevoli, kif seta' jsir, allura din il-propjeta' kienet tidħol fil-patrimonju tal-mejjet u kwindi huma kienu jirtuha. B'dan kollu xorta wirtu d-dritt litiġjuż tiegħu bl-interess kollu li kellu l-awtur tagħhom f'din il-propjeta'. Ara li kieku t-talba għall-konverżjoni saret issa mill-eredi u mhux mill-Awtur tagħhom żgur li dan ma setax isir. Imma li taprofitta mid-dewmien burokratiku biex iċċaħħad drittijiet patrimonjali li ma kienx għal dak id-dewmien kienu hekk jakkwistawhom, fil-fehma ta' din il-Qorti ma hux aċċettabli u jista' jagħti lok anke għal Kawża Kostituzzjonali.

Fis-sentenza **fl-ismijiet A. Camilleri pen -vs- Marija Camilleri** l-Qorti qalet "*l-eredi jidhlu fiz-'zarbun' tad-decujus mal-mewt tagħha, u mal mewt tagħha, kisbu mhux dak kollu illi t-testarici kellha sal-mewt izda dak kollu illi l-ligi tgħid li għandhom jedd għalih, dan fejn si tratta ta' accettazzjoni ta' wirt mingħajr kondizzjoni kif kien il-kaz tal-lum*". (Ara **Sentenza ta' l-10 ta'**

**Mejju, 2013 fl-ismijiet Jack Attard, Rita Grech kemm f'isimha propju kif ukoll għan-nom ta' ħuha l-imsiefer Coronato sive Cory Attard -vs- John Farrugia u martu Grace Farrugia, Qorti t'Għawdex Sezzjoni Ċivili Superjur**i"

Issa huwa in dibutat li d-dritt ta' l-Attur li jitlob il-Konverżjoni inkwistjoni huwa ta' natura patrimonjali u eriditabbli.

**Deċide**

Għaldaqstant il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba Attriċi** u dan b'referenza għall-fond 14, 15 Triq Manwel Dimech, Sliema meno dik il-parti li hija *overlapping* kif indikata fl-ittra tat-28 ta' Ġunju 2010 skond Tonia Galea (a' fol 170 sa 173).

**Tilqa' it-tieni talba Attriċi** u tinnomina lin-Nutar Alexia Sciberras Trigona sabiex tippubblika l-kuntratt opportun li għandu jkun hekk ippubblikat fid-9 ta' Ottubru 2025 fid-9.30am ġewwa l-Qrati tal-Ġustizzja Valletta fit-tieni sular ħdejn il-Kamra ta' l-Avukati. Kontestwalment il-Qorti qed tikkundanna lill-Konvenuti sabiex dakinhar jersqu għall-kuntratt inkwistjoni.

**Tilqa' it-tielet talba** Attriċi u taħtar lill-Avukat Claudio Zammit sabiex jidher bħala kuratur għall-eventwali kontumaċi fuq l-imsemmi kuntratt.

Spejjes għall-konvenuti.

**Imħallef Toni Abela** **Deputat Reġistratur**